# PRESEPJU HAJ

**Rev. Rene' Vella**

JIEHDU SEHEM:

1 NARRATUR - (SEHEM EWLIENI)

2 GUZEPPI

3 MARIJA B'TARBIJA

4 GHAXAR ANGLI

5 HAMES RAGHAJJA

6 TLITT SLATEN

7 ZAGHZUGH B'FANAL F'IDU

8 L-GHAGEB

9 RAGEL BIL-PIPA F'HALQU

10 IR-RIEQED

11 TLIET DAQQAQA

12 MARA B'TARBIJA

13 XWEJJAH GHAMA U TIFEL

Dan il-musical huwa mibni fuq xi haga semplici: numru ta' persunaggi jiffurmaw presepju. Imma hu mahsub li sjir presepju haj. U jsir haj mhux daqstant ghaliex il-pasturi mhumiex tat-tafal jew tal-gibs jew tal-plastic daqskemm ghax fihom wiehed jista'jaqra l-esperjenzi, l-attitudnijiet u r-reazzjonijiet taghna l-bnedmin quddiem il-grajja t'Alla li jsir bhalna.

- f'post centrali jintrama' ghar b'maxtura go fih.

- il-kant, l-ahjar li jsir live, imma wiehed jista' jsib mod iehor kif jesegwih. Il-muzika ghall-orgni/pjanu, kif ukoll il-melodija, jinsabu fil-librett nru 5.

- jiehdu sehem: in-Narratur (sehem ewlieni), Guzeppi, Marija b'tarbija, ghaxar angli, hames raghajja, tliet slaten, zaghzugh b'fanal f'idu, l-ghageb, ragel bil-pipa f'halqu, ir-rieqed, tliet daqqaqa, mara b'tarbija, u xwejjah ghama u tifel iwieghznu.

(Il-musical jibda bil-humming ta' zewg strofi min O LEJL TA' SKIET, waqt li Guzeppi u Marija bit-tarbija jibdew resqin lejn il-ghar. Min-naha l-ohra jersqu l-angli b'xema' hamra tixghel f'idejhom u jsibu posthom madwar l-ghar).

(L-Angli jintroducu ruhhom bil-kant)

**KANT:** **AHNA DAWK L-ANGLI**

TITKANTA FUQ "ADESTE FIDELES"

Ahna dawk l-angli li gejna mis-sema
sabiex inhabbru t-twelid tal-Mulej:
paci fuq l-art u glorja fil-gholi.
Ninxtehtu fl-art bil-qima. x 3

Wassalna l-bxara lir-raghajja fuq l-gholja,
wassalna l-bxara lis-slaten fil-Lvant;
dawwalna d-dinja b'din l-ahbar tajba
Nixtehtu fl-art bil-qima x 3

Narratur: (*minn qalb in-nies*) Sebh lil alla li waqa' ghall-bniedem, u paci lill-bniedem li jaqa' ghal Alla.

*(Jidhlu r-Raghajja waqt li jintroducu ruhhom bil-kant)*

TITKANTA FUQ "O GESU HELWA TARBIJA"

**KANT:** **AHNA R-RAGHAJJA**

Ahna r-raghajja li konna fuq l-gholja
nghassu l-imhriehel fil-hin tal-mistrieh.
L-anglu habbrilna li llum twieled Kristu,
u morna lkoll ha rroddulu gieh. REF:

Hadnielu maghna l-isbah hrief taghna,
offrejniehomlu lir-re tar-rejiet;
kantajna qima w hajr lil Missierna,
berikna 'l Alla f'jum il-Milied. REF:

REF: O Gesu Helwa tarbija
Ejja twieled gewwa fija
Gesu tfajjel frott l-imhabba
twieled f'qalbi mieghi trabba.

Narratur: (*minn qalb in-nies*) Dak li hi maghdud cokon fid-dinja tal-bniedem hu meqjus kobor fid-dinja ta' Alla.

*(Jidhlu s-Slaten waqt li jintroducu ruhhom bil-kant).*

**KANT:** **AHNA TLIET SLATEN**

Ahna tliet slaten terraqna
wara l-kewba ta' bil-lejl;
morna nfittxuh gewwa Betlem
fejn mwieled il-Feddej;

Gloria, in excelsis deo ...

Hemm it-tarbija go maxtura,
il-hmar u l-ghogol jaghmlu wens;
morna nqimu bir-rigali,
gibni l-mirra, id-deheb l-incens.

Gloria, in excelsis deo ...

Narratur: (*minn qalb in-nies*) L-istitel tax-xorti jorbtuk b-destin ghama. Il-Kewba tehilsek u tiftahlek gejjieni sabih li tibnih int.

(Kulhadd flimkien ikanta b'mod solenni l-ahhar vers ta' l-istrofa.)

F'LEJL TA' XITWA ...

**KANT:** **GLORJA**

Narratur: (*minn post centrali*) Tistennew li dawk li hemm gewwa l-ghar se jifthu halqhom biex ighidulna min huma. Jippreferu joqoghdu siekta halli jitkellem ghemilhom.

(*Wara ftit*) Harsu lejhom - familja ta' tliet min-nies: zaghzugh fl-ahhar tieghu li jsib ruhu b'tarbija li nhijiex tieghu. Jaghzel is-sabar ghax jaf jissieheb ma' Dak li jmexxi kollox! Martu, tfajla ta' eta' zghira, li iktar milli tnissel tarbija fil-gisem, tissielet maghha nfisha biex tnissilha fil-fidi. U t-tarbija, tarbija li ghandha mill-bniedem u minn Alla; tarbija li lil Alla qieghda torbtu jhobb u jghozz dak kollu li hu tal-bniedem!

(*Jidbda riesaq l-ewwel pastur: zaghzugh b'fanal f'idu*)

Narratur: Zaghzugh b'fanal f'idu, f'salib it-toroq tal-hajja, ifittex triq li tulha jkun ferhan, (*Wara ftit*) Jisma' lehen:

Lehen A: Duqha (*iz-zaghzugh jinhasad*), biha tmur tajjeb zgur u kollox tinsa.

Narratur: Jisma' lehen iehor.

Lehen B: Biex tkun tabilhaqq ragel trid tqaxxar il-lehja bil-prodott taghna!

Narratur: Ibbumbardjat minn hafna ilhna:

Ilhna A/B: Hu minn din. (*Iz-zaghzugh jidher imfixkel*) Tghidx kemm tigbed tfajliet ghal warajk. Maghna taqlaghha tajjeb!

Narratur: Kull wiehed jghid tieghu u jipprova jghajjat izjed mill-iehor.

(*Iz-zaghzugh ihares lejn l-ghar*)

Mill-boghod irnexxielu jisma' x'kellu xi jghid dak il-lehen li kien hiereg minn gewwa l-ghar.

Il-Bambin: (*lehen ta' tfajjel*) Jien qieghed hawn ghalik ukoll. Ma nimpressjonax ruhi jekk forsi llum minn barra tidher imharbat, xi drabi forsi bla ghaqal ukoll. Ma nlumekx li thossok titfixkel taghzel mill-hafna ilhna u toroq. Minn ghandek jien ma rrid xejnL la flus, la vot, la sahhtek, la hinek, la l-kapacitiajiet li ghandek, xejn minn dawn. Irrid biss qalbek halli nfera' fiha l-ferh li naf nahgti jien.

(*Iz-zaghzugh jibda miexi lejn il-ghar*)

Narratur: U z-zaghzugh beda miexi lejn il-ghar.

(*Jibda riesaq it-tieni pastur: l-ghageb*)

Narratur: Dan x'gie jaghmel hawn illejla, idejh vojta, lanqas naghga ma gab mieghu!

(*Wara ftit*) Ara kif skanta f'daqqa wahda! Biex qed jistaghgeb? Kif imbela' u ntilef f'dak li qed jara. Donnu skopra xi haga.

(*L-ghageb jasal sa hdejn il-ghar*)

L-Ghageb: Ilqaghni kif jien, bla storbju, bla hafna hsejjes. Kieku kelli xi haga kont naghtihielek, imma m'ghandi xejn ... ghandi biss par ghajnejn imsahhrin.

Narratur: Hekk hu l-ghageb: jaghti lilu nnifsu kif inhu, bit-tajn fiz-zarbun, bl-idejn mahmuga.

(*Wara ftit*) Aghdirni Mulej, lilek drajtek wisq, drajtek wisq fil-maxtura f'dan iz-zmien tas-sena; drajtek wisq imleffef fi hrieqi fqar. Nitolbok Mulej, lili wkoll sahharni, sahharni dejjem izjed. Aghmilni ghageb forsi nibda nifhem xi haga!

(*L-ghageb ikanta*)

**JGHIDHA: DIN DEHRA TA' L-GHAGEB**

Din dehra ta' l-ghageb li qatt ma stennejt,
li zgur mhix skond kif trabbejt;
li Dak li sawwar is-sema u l-art
ihoss il-kesha w il-bard.

Dan Alla ma jbezzaghnix;
Hu jghidli: "Ejja ersaq qrib!
Ghalhekk jien gejt fost il-bnedmin
biex insehibhom fid-divin".

Ejjew ilkoll inqimu,
ejjew ilkoll flimkien
ejjew ilkoll inqimu lill-Mulej.

Hawn jien, Mulej quddiemek m'jien xej'.
imma' inti tridni nkun hdejk,
biex timla lil qalbi bil-paci u bil-ferh,
bl-imhabba u b'kulma hu serh.

Ehlisni mill-htijiet,
thallix li nsir bicciet
f'did-dinja mghobbija b'hafna nkwiet.
Kun mieghi matur it-triq.

Ejjew ilkoll inqimu,
ejjew ilkoll flimkien
ejjew ilkoll inqimu lill-Mulej.

U intom ilkoll li mit-triq ghaddejjin,
ferhana jew inmikktin,
lil dak it-tfajjel helu u divin
qatt la tinsew taghtuh hin.

Ehlisni ...

Ejjew ...

(*Jibda riesaq it-tielet pastur: ragel bil-pipa f'halqu u b'id wahda fil-but*)

Narratur: Bil-pipa f'halqu u b'id wahda fil-but, irhilu jitlajja'. Lir-raghajja, ghassiesa mal-merhliet taghhom, kien rahom jiccaqalqu.

Ragel: (ihares mill-boghod b'indifferenza) Hawn x'haw'n? X'qed jigri dal-hin?

Narratur: Billi jittawwal nhu se jitlef xejn; l-aqwa li jzomm certa distanza u ma jersaqx qrib hafna tax-xena li ma jmurx jinghadd fost ix-xhieda.

Forsi kien sema' li fl-istorja tal-bniedem kellha titfacca tarbija li tqalleb id-dinja ta' taht fuq. Forsi kien sema' li tarbija divina kellha taghti tilqima ghal kollox gdida lill-umanita'.

Ragel: (jibqa' barra l-ghar) Mhux din hi, hux?

Narratur: Iva, dik hi!

(*Ir-ragel juri li ma hax pjacir b'li qallu*)

Narratur: Imma r-ragel tal-pipa f'halqu ma riedx jikkommetti ruhu lil dik it-tarbija. Harstu kieku ma qalaghhiex minn fuq il-ghar, imma mill-boghod!

(*Jersaq ir-raba' pastur: ir-rieqed, li jmur jinxtehet barra l-ghar u jorqod*)

Narratur: X'intfajt taghnmel hemm? Mela m'intix tghix fid-dinja taghna? Ma nrbahtx li dan l-ghar mhuwiex bhall-gherien l-ohra?

(Idur lejn l-udjenza) Nghiduha kif inhi: hlief forsi ghal xi twerzieqa, dak li twieled fil-ghar ma tantx ghamel hoss - bniedem bhall-bniedem.

(*Idur lejn ir-rieqed*) Imma ghall-anqas gib ruhek kif igib ruhu kulhadd quddiem twelid gdid.

(*L-ebda moviment mill-pastur*)

Rieqed kien, u rieqed ghadu!

(*Jidhul tliet daqqaqa tal-klarinetti jistunaw kemm jifilhu sakemm jintlahaq climax fl-istunar bis-sahha ta; l-orgni wkoll. Jibqghu barra l-ghar*).

Narratur: Weggghalek widnejk dan li smajt. Hsejjes mhux imlaqqghin kif miktub. Hekk ghamilna ahna ilkoll. Kull wiehed ghafas in-nota tal-hajja kif fettillu hu u mhux kif hemm miktub u mnaqqax f'qalbu. U hloqna stunatura kbira bl-istunaturi zghar taghna. (*B'konsolazzjoni*) Imma d-daqqaq ewlieni sar daqqaq bhalna, kitbilna n-noti mill-gdid u ghallimna ndoqquhom sewwa biex ghal darb'ohra ssaltan fostna l-armonija.

*(Id-Daqqaqa jersqu qrib l-ghar u flimkien ma' l-orgni jdoqqu zewg strofi minn ISMA' L-GHANJA TAL-MILIED)*

(*Jibda riesaq is-sitt pastur: mara b'taghbija*)

Narratur: Iktar ma jghaddi z-zmien iktar qed nintebah kemm hawn tbatija fid-dinja. (*B'sebghu l-werrej lejn il-mara*) Araw dil-mara, mghawwga ganc bit-toqol tas-sorra kbira li ghandha fuq daharha!

(*Jersaq lejha biex jistaqsiha*) X'inhu dak il-piz?

Mara: (*b'qalb mugugha*) Ibni miet b'cancer. Zewgi telaqni. Hadd m'ghadu jigi jarani.

Narratur: (*Idur fuq l-udjenza*) Kemm jiflah jaqla' l-bniedem?

(*lill-mara*) Ja mara, ghandi hsieb ghalik; aqbad dik it-taghbija, hudha gewwa l-ghar, qieghdha f'riglejn il-maxtura u halliha ftit hemm. Imbaghad erga' ghabbiha fuq spallejk, u tintebah li saret ehfef!

(*Il-mara toqrob lejn l-ghar u twettaq il-gest li ssuggerilha n-narratur)*

*(Jidhol is-seba' pastur: xwejjah ghama u tifel iwieghznu)*

Narratur: Bejn xwejjah ghama u tifel ckejken hemm distanza: distanza ta' eta', distanza ta' esperjenza, distantza ta' sahha. X'jista' jaghti z-zghir lill-kbir? Ma jistax jerfghu fuq spallejh imma jista' jaghtih idejh u jmexxih minn hawn u minn hemm ha me jahbat ma mkien. L-idejn ta' min irid ihobb jistghu jkunu ckejknin, imma dawn l-istess idejn isiru mdaqqsa meta mcappsa bil-karita'.

(*Lit-tfajjel*) Ghaziz tfajjel, bilfors illejla triqted tkun 'l hawn, ghaliex ma' dak ix-xwejjah inti qed taghmel dak li ghamel qalbek Dak li hemm fil-maxtura.

(*Lit-tnejn*) Idhlu, idhlu gewwa l-ghar.

(*lit-tfajjel*) Lill-Bambin ghidlu li jista; jorqod issa ghaliex dak li beda Hu, hawn min ikomplih!

(*Ix-xwejjah u t-tifel jersqu lejn l-ghar*) PRIETKA TAT-TIFEL

(Kulhadd ikanta Ninni la tibkix izjed)

**KANT:** **NINNI LA TIBKIX IZJED**

Ninni, la tibkix izjed,
ninni, Gesu' Bambin;
hallih ghalina l-biki
ghax ahna midinbin.

Ejjew taraw b'ghajnejkom
lil Alla Kbir tal-hniena,
Bambin sabih u helu,
ininni go benniena.

Ninni, la tibkix izjed,
ninni, Gesu Bambin;
hallih ghalina l-biki
ghax ahna midinbin.
Sar bniedem, sar tarbija
biex jigbed il-qlub taghna,
biex bl-aqwa gid tas-sema,
henjin bla qies jarana.

Ninni, la tibkix izjed,
ninni, Gesu' Bambin;
hallih ghalina l-biki
ghax ahna midinbin.